MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 1034/2012

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Hardrocks Limited; u**
**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Hardrocks Limited, li permezz tieghu, ai termini tal-Art. 90 (7) tal-Kap. 504, filwaqt li qed topponi ghat-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif kontenuta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-pretensjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kontra s-socjeta' Hardrocks Limited bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li ghar-ragunijiet fiha premessi, qablet li ma jezistux l-elementi rikjesti fl-Artikolu 90 tal-Kapitolu 504 sabiex hi tirnexxi f'dak mitlub fl-ittra ufficjali taghha tal-1 ta' Ottubru 2012, u ghar-ragunijiet premessi, tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar ir-rikors tas-socjeta' Hardrocks Limited.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' Hardrocks Limited kif dedotta.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------